# LECTIO DIVINA

# Il-Ħames Ħadd

# Matul is-Sena (Sena B)

### Mk 1, 29-39

**F'dak iż-żmien [U minnufih], Ġesù u d-dixxipli ħarġu mis-sinagoga u baqgħu sejrin ma' Ġakbu u Ġwanni għand Xmun u Indrì.**

Il-*ġurnata-tipika* ta' Ġesù sseħħ bil-*ħeffa* («εὐθὺς» tr. *euthus*: malajr, minnufih, immedjatament; f'*Mk 1* dan it-terminu nsibuh tmien darbiet) biex iħabbar il-wasla tas-Saltna ta' Alla: għaliex il-kelma ta' Alla «bil-ħeffa tiġri» (*S* 147,15). Ġesù jdaħħal lill-erbgħa msejħa f'din l-*għaġġla* li għandu Alla sabiex jeħles lill-bniedem miġruħ u marid (cfr *S* 22,20; 31,3; *Is* 51,14; 58,8; *Bar* 4,22). Infatti, id-dixxiplu għandu jqis lil ħajtu u l-għemejjel tiegħu bħala *mixja* biex iwassal il-bxara tas-salvazzjoni: «Iżda jien lil ħajti xejn ma nqisha għażiża għalija jekk mhux biex intemm il-mixja tiegħi u l-ministeru li ħadt mingħand il-Mulej Ġesù, jiġifieri, li nagħti xhieda tal-Evanġelju tal-grazzja ta' Alla» (*Atti* 20,24). Hu għandu jistinka u jħabrek ħalli l-Kelma li tfejjaq tasal (cfr *1Kor* 9, 22-23): sabiex dan iseħħ hu jeħtieġ l-għajnuna tat-talb tal-aħwa: «Mill-bqija, ħuti, itolbu għalina biex il-kelma tal-Mulej tiġri l-ġirja tagħha u tkun milqugħa bil-ġieħ» (*2Tess* 3,1).

**Issa omm il-mara ta' Xmun**

Ġesù jidħol fil-*ħajja persunali* ta' dawk li huwa sejjaħ. Hu jżur l-irħula tagħhom, imur «għand Xmun u Indrì». Hu jidħol fil-*ħajja relazzjonali* tad-dixxiplu Xmun li kien miżżewweġ u kellu lill-kunjata marida. Infatti, il-laqgħa ma' Kristu ser tbiddel u tfejjaq ir-rabtiet li għandu d-dixxiplu hekk li l-persuni marbutin miegħu wkoll iridu jagħmlu għażla biex ir-rabta tagħhom mad-dixxiplu tiddawwal u tiġi orjentata għall-missjoni tal-evanġelizazzjoni (cfr *Mt* 10,34-39; huwa

mifhum minn *1Kor* 9,5 li mart Xmun-Kefa saret «mara nisranija» u akkumpanjat lil żewġha fil-ħidma tiegħu biex ikun «sajjied tal-bnedmin»).

**kienet fis-sodda bid-deni,**

Fil-mentalità Lhudija, il-mard kien sintomu tal-*kastig* għall-bniedem li tbiegħed minn Alla l-Ħellies u dar lejn l-idoli (cfr *Dt* 28,21); jew *prova* tal-Mulej sabiex iġarrab lill-bniedem ġust fil-fedeltà tiegħu lejH (cfr *Ġob*). Għalhekk, id-deni tal-kunjata ta' Xmun ma tridx tindika sempliċi kundizzjoni fisjoloġika, imma l-qagħda tad-dnub li jqiegħed lill-bniedem f'ħalq il-mewt, fil-*qabar* (vb. «κατάκειμαι», tr. *katakeimai*: *toqgħod mimdud*). Il-miġja tal-Qaddej ta' YHWH imħabbar minn Isaija hija r-risposta ta' Alla quddiem il-bniedem li jokrob u jfittex is-sens ta' ħajtu hekk kif il-marda tlaqqgħu mad-dgħufija u mal-limiti tiegħu (cfr *Is* 38,10.12-13). «Hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna» (*Is* 53,4) sabiex iseħħu l-kelmiet tas-Salmista: «Hu li jaħfer dnubietek kollha; jfejjaq il-mard tiegħek kollu; jifdi lil ħajtek mill-qabar; iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena» (*S* 103,3-4).

**u malajr qalulu biha.**

F'din il-missjoni tiegħu, Ġesù jinqeda b'dawk li *jwasslu* l-karba tal-bniedem marid («qalulu biha»): id-dixxiplu huwa dak li *jressaq għall-attenzjoni tal-Imgħallem* tiegħu lill-ħutu l-bnedmin – it-talb ta' *interċessjoni* (mil-lat. *inter-cedere*: tagħmel pass bejn; tpoġġi lilek innifsek bejn żewġ partijiet) fejn il-bniedem ma jitlobx «dak li jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor» (*Fil* 2,4): *"It-talb ta' interċessjoni jgħallimna nidħlu ġewwa kull sitwazzjoni umana f'solidarjetà sħiħa ma' Alla li sar bniedem «għalina l-bnedmin», kif nistqarru fil-Kredu. Permezz tal-interċessjoni aħna nagħrfu kemm aħna limitati f'li nwettqu dak li hu tajjeb għal ħaddieħor u nħejju ruħna biex nġorruh li 'l hinn mill-possibilitajiet tagħna: li tinterċedi hu s-sinjal l-aktar evidenti u l-frott l-aktar misjur tar-responsabilità tagħna lejn l-aħwa, għaliex hu l-għemil li permezz tiegħu naslu biex nitgħabbew [bil-piż tal-ieħor] anki 'l barra mill-ispazju pubbliku, meta dan ma jiġix mitlub lilna mir-regoli soċjali, u lanqas ma jagħtina gratifikazzjoni persunali! U l-qofol tal-interċessjoni ma jinsabx fil-kliem li llissnu quddiem Alla, imma f'li ngħixu quddiemu fil-pożizzjoni tal-Imsallab, fidil lejn Alla u solidali mal-bnedmin sal-aħħar."* (ENZO BIANCHI, *Perché pregare, come pregare*, p. 103). "Aktar jiswa li nitkellmu ma' Alla fuq il-bnedmin milli li nitkellmu fuq Alla mal-bnedmin" (Santa Katerina ta' Siena).

**Resaq lejha, qabadha minn idha u qajjimha.**

Kif il-Patrijarka Ġakobb kien resaq lejn il-blata li kien hemm fuq il-ħerża tal-bir u qalibha biex jisqi l-merħla ta' Rakel bint Laban, hekk l-Iben ta' Alla jersaq lejn il-bniedem marid u jwarrablu l-blata li qed tagħlqu sabiex ikun jista' *jersaq* u jixrob l-ilma tas-salvazzjoni (cfr *Ġen* 29,9-10; il-vb. «προσέρχομαι» tr. *proserchomai*: tersaq u titbaxxa, hu l-istess użat fil-LXX biex jiddeskrivi l-azzjoni ta' Ġakobb). Kif bniedem waħdu ma setax iwarrab il-blata minn fuq il-bir, hekk il-bniedem ma setax igerbeb il-ġebla tal-qabar tal-mewt; kif Ġakobb għamel dan permezz tan-"nida tal-qawmien li niżlet mis-sema u għamlitu b'saħħtu u kuraġġuż" (*Midrash*), hekk Ġesù Kristu bil-mewt u qawmien tiegħu "gerbeb" il-ġebla li kienet tagħlaq lill-bniedem fil-qabar ħalli jgħix (cfr *Mk* 16,4; *Mt* 27,51-53; il vb. «ἐγείρω» tr. *egeiro*: tqum, jiġi użat spiss minn *Mk* fl-episodji tal-fejqan [cfr 2,9.11; 3,3; 5,41; 9,27; 10,49] u jintuża fit-TĠ biex jiddeskrivi l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt [cfr *1Kor* 15,4; *Gal* 1,1; *Rum* 4,24] ). Kristu nnifsu *jerfa'* lill-bniedem għall-ħajja bl-id setgħana tiegħu (cfr *S* 73,23).

**U d-deni ħallieha, u bdiet isservihom.**

Il-fejqan ta' Ġesù għandu l-iskop biex lill-bniedem li jinsab *mejjet* u magħluq fil-qabar tal-egoiżmu tiegħu *jqajjmu* ħalli *jaqdi* («διακονέω» tr. *diakoneo*). Il-ħelsien mogħti minn Alla jagħmel lill-bniedem qaddej ta' kulħadd mingħajr preġudizzji li jistgħu jagħlquh mill-ġdid (omm il-mara ta' Xmun isservi lil kulħadd meta ma kienx permess għal mara li sservi Rabbi meta jkun imdawwar mid-dixxipli tiegħu). Il-Mulej jeħles sabiex il-meħlusa jwasslu l-ħelsien f'ħajja ta' *djakonija*: «huwa qagħad idur l-ibliet u r-rħula, jipprietka u jxandar l-Evanġelju tas-Saltna ta' Alla. Kellu miegħu t-Tnax u xi nisa li kien fejjaqhom mill-ispirti l-ħżiena u mill-mard...» (*Lq* 8,1-2; cfr *Mk* 5,19). Il-Mulej jagħti l-qawwa lid-dixxipli sabiex jibqgħu "wieqfa" jaqdu. Lil dawk li hu jsejjaħ biex ikunu ministri tiegħu jagħtihom il-grazzja sabiex *joqogħdu quddiemu biex jaqduH* («*astare coram te et tibi ministrare*», Talba Ewk II): "*The priest must be an upright person, vigilant, a person who remains standing. Service is then added to all this. [...] What the priest does at that moment, in the Eucharistic celebration, is to serve, to fulfil a service to God and a service to humanity. The cult that Christ rendered to the Father was the giving of himself to the end for humanity. Into this cult, this service, the priest must insert himself. Thus, the word "serve" contains many dimensions. In the first place, part of it is certainly the* ***correct celebration of the liturgy and of the sacraments in general,***

***accomplished through interior participation****. We must learn to increasingly understand the sacred liturgy in all its essence, to develop a living familiarity with it, so that it becomes the soul of our daily life. It is then that we celebrate in the correct way; it is then that the* ars celebrandi*, the art of celebrating, emerges by itself. In this art there must be nothing artificial. If the liturgy is the central duty of the priest, this also means that* ***prayer must be a primary reality****, to be learned ever anew and ever more deeply at the school of Christ and of the Saints of all the ages. Since the Christian liturgy by its nature is also always a proclamation, we must be people who* ***are familiar with the Word of God, love it and live by it****: only then can we explain it in an adequate way. "To serve the Lord" - priestly service precisely also means to learn to know the Lord in his Word and to make it known to all those he entrusts to us. Lastly, two other aspects are part of service. No one is closer to his master than the servant who has access to the most private dimensions of his life. In this sense "to serve" means* ***closeness, it requires familiarity****. [...] To serve means to draw near, but above all it also means* ***obedience****. The servant is under the word: "not my will, but thine, be done" (Lk 22: 42). With this word Jesus, in the Garden of Olives, has resolved the decisive battle against sin, against the rebellion of the sinful heart. [...] Our obedience is a believing with the Church, a thinking and speaking with the Church, serving through her. What Jesus predicted to Peter also always applies: "You will be taken where you do not want to go". This letting oneself be guided where one does not want to be led is an essential dimension of our service, and it is exactly what makes us free. In this being guided, which can be contrary to our ideas and plans, we experience something new - the wealth of God's love.”* (BENEDITTU XVI, *Omelija*, 20 Mar 2008).

**Filgħaxija, imbagħad, fi nżul ix-xemx, ħadulu quddiemu lil dawk kollha li kienu morda jew li kienu maħkuma mix-xitan. U quddiem il-bieb inġabret il-belt bi ħġarha. U fejjaq ħafna morda minn kull xorta ta’ mard, u ħareġ għadd kbir ta’ xjaten li hu ma kienx iħallihom jitkellmu, għax huma kienu jafu min kien.**

Hekk kif jintemm il-jum tas-Sibt (cfr *Mk* 1,21; ), u tbatti l-qawwa tax-xemx li tkidd lid-dgħajjef u lill-marid (il-baħar tal-Gallilija hu madwar 210 metru taħt il-livell tal-baħar), il-Mulej, li hu l-«aqwa» (cfr *Mk* 1,7: «ἰσχυρός», tr. *ischuros*) jitfa’ d-dell tiegħu li jħares lill-bniedem u jeħilsu mill-ħakma tal-Ħażin: «Il-Mulej hu dak li jħarsek; il-Mulej hu d-dell tiegħek fuq lemintek. Ma tolqtokx ix-xemx binhar, anqas il-qamar billejl. Iħarsek il-Mulej minn kull deni, hu jħarislek

ħajtek.» (*S* 121,5-7). Hu stess ma jistenniex 'il-bniedem imur fil-post tal-kult (is-sinagoga, cfr *Mk* 1,23-26), lanqas fid-dar (vv. 29-31), imma jiltaqa' miegħu «fil-bieb» (cfr *Ġw* 10,9; *Apok* 3,20). Hu jsikket lix-«xjaten» milli jgħidu min hu għax kieku huma kienu jistqarruh skont kif jaqblilhom, bil-qerq (cfr *Mk* 1,25; 3,12; *Lq* 4,14).

**L-għada filgħodu kmieni, qabel ma żernaq, qam, ħareġ u mar f'post imwarrab u qagħad hemm jitlob. Xmun u sħabu l-oħrajn marru jfittxuh. Kif sabuh, qalulu: «Kulħadd jistaqsi għalik.» U qalilhom: «Ejjew immorru band'oħra, fl-irħula tal-qrib, ħalli nipprietka hemmhekk ukoll, għax għalhekk ħriġt.»**

Xħin għadu d-dlam, l-Iben jidħol *fil-kamra ta' ġewwa* (cfr *Mt* 6,6; *S* 15,7; 133,1; 56,9), fl-«eremu» («ἔρημος», tr. *eremos*: imwarrab, solitarju, deżert, mhux abitat...) biex hemm jitkellem mal-Missier ħalli hemm iressaqlu lill-bnedmin kollha, il-mard veru u profond tagħhom, huwa u joffri lilu nnifsu: *"fit-talba tiegħu ta' bniedem isieħeb dak kollu li jgħixu l-bnedmin «ħutu» (Lhud 2,12); jagħder id-dgħufija tagħhom biex jeħlishom minnha (cfr Lhud 2,15; 4,15). Għalhekk bagħtu l-Missier. Kliemu u għemilu b'hekk jidhru bħala manifestazzjoni tat-talba tiegħu «fil-moħbi»."* (KKK 2602). Kontra t-tfittix soffokanti li jrid jorbtu, isikktu jew joqtlu («καταδιώκω» tr. *katadioko*: issegwi biex taħtaf/taqbad: hekk għamel il-Fargħun meta ħareġ għall-Poplu meħlus [cfr LXX *Eż* 14,4.8.9.23]; hekk jagħmlu l-għedewwa biex jaqbdu l-bniedem ġust [cfr LXX *S* 7,6; 18,38; 31,6...]; « ζητέω» tr. *zeteo*: tfittex anki biex twaqqaf lil Ġesù [*Mk* 3,32; 11,18; 12,12; 14,1]), Ġesù jibqa' *ħiereġ* sabiex jissokta jgħallem u "joħroġ" lill-imjassrin mill-ħakma tal-ħażin:

**U dar il-Galilija kollha, jipprietka fis-sinagogi tagħhom u joħroġ ix-xjaten.**